MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 75/2013

**Banif Bank (Malta) plc C41030**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta’ attrici fir-Registru ta’ din il-Qorti fil-15 ta’ Marzu 2013 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hamest elef, sitt mija u tlieta u sittin ewro u tmintax-il centezmu (€5,663.18), rapprezentanti ammont dovut minnu fuq il-*Credit Card* bin-numru 4196806000017067 u li hu ghandu mal-kumpanija attrici (ara l-formola tal-applikazzjoni markata bhala Dok. ‘A’). Din is-somma tinkludi imghaxijiet li sas-27 ta’ Dicembru 2012, kienu jammontaw ghal hamsa u tletin ewro u tlett centezmi (€35.03).

L-ammont dovut hu kif jidher fuq l-*istatement* bankarju relattiv ghall-Credit Card (ara Dok. 'B').

L-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpanija attrici ai termini tal-Artikolu 11(f) tal-*Conditions of Use* marbuta mal-*Credit Card* (ara Dok. 'C').

Illi l-kumpanija attrici nterpellatu diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, inkluz permezz t'ittra legali datata 26 ta' Novembru 2010 (ara Dok. 'D'), izda huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx. Il-kumpanija attrici ttentat tinterpellah ukoll permezz t'ittra ufficcjali numru 54/2013, datata l-15 ta' Jannar 2013 u mibghuta a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Ara Dok. 'E'). Din l-ittra ufficjali baqghet mhix notifikata u hu ghalhekk li sar necessarju l-ftuh ta' din il-kawza.

Illi r-rapprezentanti tal-kumpanija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment.

Bl-imghaxijiet mis-27 ta' Dicembru 2012 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rata kummercjali tal-bank kif gie miftiehem mieghu meta huwa nghata l-Credit Card fuq imsemmija, ossija bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena u kif ukoll kwalsiasi charges u fees dovuti minhabba dejnu u dan kollu skond kif jinghad fil-Conditions of Use fuq imsemmija u t-Tariff of Charges (Ara Dok. 'E'). Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficcjali fuq imsemmija u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 80/2013 ipprezentat kontestwalment mal-imsemmija ittra ufficjali kontra tieghu. Huwa qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tieghu.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Azzopardi** tad-9 ta' Ottubru 2013 fejn ikkonferma li huwa kien ghamel uzu minn credit card mill-Banif Bank, Malta. Huwa kkonferma li llum il-gurnata huwa ghandu jaghti s-somma ta' €5,663.18 lill-Bank attrici. Huwa jahdem bhala tekniku man-nies.

Iddikjara li qed jirrikonoxxi dan id-debitu, u qal li kien minhabba li  kellu problemi finanzjarji u kien ghalhekk li ma hallasx lura din is-somma meta gie hekk mitlub.

Illi fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2013, il-konvenut Joseph Azzopardi rega’ xehed u kkonferma li huwa ghadu debitur tal-Bank fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur u ghalhekk qed jammetti it-talba tal-Bank attrici.

In vista ta’ din ix-xhieda, il-Qorti thoss li t-talba attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

**Ghaldaqstant l-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attrici dik is-somma indikata fir-rikors promotur fl-ammont ta’ hamest elef, sitt mija u tlieta u sittin ewro u tmintax-il centezmu (€5,663.18).**

**Bl-ispejjez ta’din il-kawza u ta’ l-ittra legali datata 26 ta’ Novembru 2010 u ta’ l-ittra ufficcjali numru 54/2013 datata l-15 ta’ Jannar 2013 kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 80/2013 ipprezentat kontestwalment mal-imsemmija ittra ufficjali a karigu tal-konvenut.**

**Bl-imghaxijiet mis-27 ta’ Dicembru 2012 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rata kummercjali tal-bank kif gie miftiehem mieghu meta huwa nghata l-Credit Card fuq imsemmija, ossija bir-rata ta’ tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena u kif ukoll kwalsiasi charges u fees dovuti minhabba dejnu u dan kollu skond kif jinghad fil-Conditions of Use fuq imsemmija u t-Tariff of Charges.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------